

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-7 ta' Diċembru 2010

li temenda l-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2010/221/UE fir-rigward ta' miżuri nazzjonali approvati mill-Unġerija u r-Renju Unit għall-viremija tar-rebbiegħa tal-karpjuni

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 8617)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/761/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Anness I, minflok l-Anness II, ta' dik id-Deċiżjoni fir-rigward ta' dik il-marda.

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

(4) L-Unġerija ressqet applikazzjonijiet lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni ta' miżuri nazzjonali fir-rigward tal-SVC. L-Unġerija wettqet ukoll sorveljanza mmirata tal-SVC għall-aħħar sentejn li wriet li t-territorju kollha tagħha huwa ħieles mill-SVC. L-Unġerija għalhekk għandha tiġi elenkata fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2010/221/UE bħala ħielsa mill-SVC.

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar il-ħtiġiet tas-saħħa tal-annimali għall-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard f'annimali akkwatiċi <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tagħha,

(5) L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2010/221/UE għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.

Billi:

(6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/221/UE tal-15 ta' April 2010 li tapprova miżuri nazzjonali biex jiġi limitat l-impatt ta' ċertu mard fl-annimali tal-akkwakultura u annimali akkwatiċi selvaġġi b'konformità mal-Artikolu 43 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE <sup>(2)</sup> tippermetti li ċerti Stati Membri japplikaw restrizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq u għall-importazzjoni fuq kunsinni ta' dawk l-annimali sabiex jevitaw l-introduzzjoni ta' ċertu mard, inkluża l-viremija tar-rebbiegħa tal-karpjuni (SVC), sakemm l-Istati Membri wrew li huma, jew ċerti żoni demarkati, ħielsa mill-marda kkonċernata ("żoni ħielsa mill-mard") jew li stabbilixxew programm ta' qerda biex jiksbu t-tali ħelsien.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2010/221/UE għandhom jiġu sostitwiti bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

(2) L-Anness I tad-Deċiżjoni 2010/221/UE jelenka ż-żoni li huma ħielsa mill-mard u l-Anness II tagħha jelenka ż-żoni bi programmi ta' qerda approvati.

## Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

(3) L-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/221/UE attwalment jelenka lill-Gran Brittanja bħala żona tar-Renju Unit bi programm ta' qerda approvat għall-SVC. Dak l-Istat Membru issa ressaq informazzjoni li turi li l-programm ta' qerda tiegħu tlesta b'suċċess u li l-Gran Brittanja għandha titqies bħala ħielsa mill-SVC u tiġi elenkata fl-

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Diċembru 2010.

Għall-Kummissjoni

John DALLI

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 328, 24.11.2006, p. 14.

<sup>(2)</sup> ĠU L 98, 20.4.2010, p. 7.

## ANNEX

L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2010/221/UE għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

## “ANNEX I

**L-Istati Membri u ż-żoni li huma meqjusa ħielsa mill-mard elenkat fit-tabella u approvati biex jieħdu miżuri nazzjonali biex jevitaw l-introduzzjoni ta' dak il-mard skont l-Artikolu 43(2) tad-Direttiva 2006/88/KE**

Marda	Stat Membru	Kodiċi	Id-demarkazzjoni ġeografika taż-żona b'miżuri nazzjonali approvati
Il-viremija tar-rebbiegħa tal-kar-pjuni (SVC)	Id-Danimarka	DK	It-territorju kollu
	L-Irlanda	IE	It-territorju kollu
	L-Ungerija	HU	It-territorju kollu
	Il-Finlandja	FI	It-territorju kollu
	L-Isvezja	SE	It-territorju kollu
	Ir-Renju Unit	UK	It-territorju kollu tar-Renju Unit; it-territorji ta' Guernsey, Jersey u l-Isle of Man.
Mard batteriku tal-kliewi (BKD)	L-Irlanda	IE	It-territorju kollu
	Ir-Renju Unit	UK	It-territorju tal-Irlanda ta' Fuq; it-territorji ta' Jersey u l-Isle of Man.
Vajrus tan-Nekrożi Pankreatika Infettiva (IPN)	Il-Finlandja	FI	Il-partijiet kontinentali tat-territorju
	L-Isvezja	SE	Il-partijiet kontinentali tat-territorju
	Ir-Renju Unit	UK	It-territorju tal-Isle of Man
Infezzjoni bil- <i>Gyrodactylus salaris</i> (GS)	L-Irlanda	IE	It-territorju kollu
	Il-Finlandja	FI	Iż-żoni tal-ġbir tal-ilma ta' Tenojoki u Näätämön-joki; Iż-żoni tal-ġbir tal-ilma ta' Paatsjoki, Luttojoki, u Uutuanjoki huma kkunsidrati bħala żoni ta' lqugħ.
	Ir-Renju Unit	UK	It-territorju kollu tar-Renju Unit; it-territorji ta' Guernsey, Jersey u l-Isle of Man.

## ANNEX II

**L-Istati Membri u ż-żoni bi programmi ta' qerda fir-rigward ta' ċertu mard fl-annimali tal-akkwakultura, u approvati sabiex jieħdu miżuri nazzjonali biex jikkontrollaw dak il-mard skont l-Artikolu 43(2) tad-Direttiva 2006/88/KE**

Marda	Stat Membru	Kodiċi	Id-demarkazzjoni ġeografika taż-żona b'miżuri nazzjonali approvati
Mard batteriku tal-kliewi (BKD)	Il-Finlandja	FI	Il-partijiet kontinentali tat-territorju
	L-Isvezja	SE	Il-partijiet kontinentali tat-territorju
	Ir-Renju Unit	UK	It-territorju tal-Gran Brittanja
Vajrus tan-Nekrożi Pankreatika Infettiva (IPN)	L-Isvezja	SE	Il-partijiet kostali tat-territorju"